

# Ferdinand Stuflesser u l-Istatwa tal-Patrun tagħna San Leonardu

**Alexander Busuttil B.Ed. (Hons.) M.Sc.**



Sittin sena ilu waslet fir-raħal tagħna statwa ġdida ta' San Leonardu maħduma fl-injam ġewwa Bolzano fin-nord ta' l-Italja - il-post jismu *Ortisei* – eżatt fuq il-fruntiera bejn l-Awstrija u l-Italja. Il-Koppin kienu ddeċidew li jordnaw statwa ġdida ta' l-injam flok dik li kellhom, li kienet xogħol fil-kartapesta tal-kbir Karlu Darmanin - li din is-sena jagħlaq mitt sena mejjet. Il-Koppin xtaqu jibdluha mhux għax kienet inferjuri imma għaliex kien jixraq li l-istatwa titulari tar-raħal tagħna tkun ta' l-injam peress li l-injam huwa artistikament iktar stmat mill-kartapesta. Ordnawha mingħand ditta msemmija għax-xogħol tagħha fl-istatwi ta'l-injam u din hija l-famuża *Ars Sacra 1875 Ferdinand Stuflesser*.

L-*Ars Sacra 1875 Ferdinand Stuflesser* - li għadha topera sal-lum - ilha mwaqqfa mija u tnejn u tletin sena u tmexxiet mill-familja Stuflesser stess għal ħames ġenerazzjonijiet. Fil-fatt jien ikkomunikajt magħhom biex ktibt dan l-artiklu permezz ta' l-*e-mail* u għandhom sit fl-internet verament interessanti. Illum il-ġurnata jħaddmu għoxrin artist professjonali fl-*Istudio* ta' l-arti tagħhom. Id-Diretturi huma Filippe u Roberto Stuflesser, li jiġu t-tfal ta' Ferdinand Stuflesser III. Fil-fabbrika tagħhom jagħmlu statwi ta' l-injam u tal-bronż, għamara tal-knejjes u kif ukoll restawr ta' kull tip ta' arti. Staqsejthom min kien li skolpixxa lil San Leonardu u qaluli li kien in-nannu tagħhom, jiġifieri Ferdinand Stuflesser II.



L-ulied ta' Ferdinand Stuflesser III Filippe u Roberto, se jippreżentaw dan il-gwarniċ lill-Papa Benedittu XVI

Kien l-iskultur Ferdinand Stuflesser I li waqqaf din id-ditta fl-1875. Dik il-ħabta dan ir-reġjun kien jagħmel ma' l-Awstrija u mhux ma' l-Italja. Wara Stuflesser I id-ditta tmexxiet mit-tifel tiegħu Johann Stuflesser. Bejn l-1914 u l-1918 jiġifieri fl-Ewwel Gwerra Dinjija, d-ditta ta' Stuflesser waqfet taħdem u wara l-gwerra dan ir-reġjun



**Ferdinand Stuflesser II (lemin) jidher ma' artist ieħor impjegat miegħu.**




**Kien l-iskultur Ferdinand Stuflesser I li waqqaf din id-ditta fl-1875. Dan kien artist kbir li jispjeċjalizza fl-arti sagra. Hawnhekk qegħdin narawh jaħdem fuq statwa ta' San Lawrenz. Tidher ukoll il-fabbrika fil-bidu nett tagħha.**



**Ferdinand Stuflesser II (1914-1998) flimkien mal-mara tiegħu.**

Ortisei waqa' taħt l-Italja. Bħala riżultat id-ditta għamlet ħafna progress għaliex żdied il-kummerċ mat-Taljani.

Kellha tasal it-tielet ġenerazzjoni ta' Stuflesser biex tinħadem l-istatwa tal-Qaddis Patrun tagħna San Leonardu. Kien Ferdinand Stuflesser II li naqqax lil San Leonardu għall-ħabta ta' l-1948. Kien ilu jmexxi d-ditta mill-1939. Fit-tieni gwerra dinjija kellu jagħlaq imma wara l-gwerra x-xogħol reġa' rkupra u dan l-iskultur żviluppa trattament ta' l-injam li għadu msemmi għalih sal-lum.

Dan l-artist kabbar ħafna l-fama tal-*istudio* u ħafna mill-opri tiegħu insibuhom fl-Italja, fil-Ġermanja u fl-Istati Uniti ta' l-Amerka.

Irnexxielu jagħtina dik il-ħarsa tant sabiħa ta' umiltà u devozzjoni li għandu l-Qaddis tagħna San Leonardu.

Id-ditta *1875 Ferdinand Stuflesser* kompliet tikber u tiżviluppa u rebħet diversi titli tul il-mija u tletin sena li ilha teżisti - fosthom insibu t-titlu ta' *Fornitore Pontificio* mogħti mill-Papa Piju X. Rebħu midalji f'diversi fieri internazzjonali ġewwa Chicago, Innsbruck, Barċellona, Brussell, Pariġi u Anversa.

Fil-gżejjer Maltin hawn diversi opri ferm sbieħ maħdumin minn din id-ditta u tlabthom biex jibagħtuli lista ta' xi wħud li qiegħed nippreżentalkom hawnhekk:

| Xogħol | Knisja | Sena |
|---|---|---|
| Kor | Bażilka Ta' Pinu - Għawdex | 1957 |
| Statwi : Bewsa ta' Ġuda, San Pio X, Santa Rita | Parroċċa S.Katerina Żejtun | 1960 |
| Statwa S.Pietru | Parroċċa B'Buġia | 1960 |
| Statwa u Baldakkin Maria Reġina | Parroċċa Maria Reġina - Marsa | 1968 |
| Statwa Trinità u Pedestall | Parroċċa Trinità - Marsa | |
| Statwa S.Ġużepp | Knisja San Ġużepp - Manikata | 1977 |
| Statwa Maria Assunta | Parroċċa Mġarr | |
| Statwa Maria Addolorata | Parroċċa Mellieħa | |
| Statwa Maria Addolorata | Parroċċa Ħal Safi | |
| Pulptu tal-Ġewż | Parroċċa Floriana | |

**Referenzi**:

www.stuflesser.com

Għal iktar dettalji fuq il-Koppin li kienu responsabbli minn dan il-proġett ta' l-istatwa lura fl-1948-49 ara l-artiklu ta' Christopher Farrugia – L-istatwa artistika tal-Patrun San Leonardu pp.23-25, fl-Għaqda Mużikali San Leonardu, Ħal Kirkop, Festa 2000.